# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU - 1378

**KAZ NRU 1437**

Fil Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Raymond Sultana

U

Kalaxlokk Co. Ltd

Dwar tkeccija mill-impjieg

allegata li hi ngusta.

4 ta Frar 2003

**Chairman: Is- Sur Colin Tabone**

. Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferuta lit-Tribunal Industrijali mill-Onor Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali, permezz t`ittra datata 7 t` April 2000 b`riferenza MSP/T1/31/2000 u biex tigi processata skond il-provvedimenti ta l-Att 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta'Malta.

L-applellant Raymond Sultana kien assistit mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici u mis sur Emanuel Micallef tal G.W.U, filwaqt ghall-Kumpanija deher is-sur Edwin Mamo assistit mill- avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-istatement of case tieghu l-appellant iddikjara li ghal numru ta xhur f`1999 u fil bidu tas-sena 2000 il-haddiema kienu qed jircievu l-paga tard u l-G.W.U kienet gibdet l-attenzjoni ta l-awtoritajiet tal-Kumpanija diversi drabi u fil-fatt tat-avviz t`azzjoni industrijali. L-appellant kien ukoll shop steward li segwa d-direttivi w assista lill-membri li d-direttivi jigu segwiti.

Il-Kumpanija bdiet taghmel l-affarijiet b`mod li tiskorraggih mill-qadi ta dmiru bhala shopsteward. Iddikjara wkoll li kien inghata transfer b`mod arbitrarju w hargitlu zewgt charges u wara li nforma lill-Union b`dan inghata direttiva biex ma jsegwix l-ordni tat-trasferiment. Filwaqt li saret laqgha ghand id-Direttur tax-xoghol fejn il-kwistjonijiet gew solvuti, madankollu il-Kumpanija baqghet izzomm il-pozizzjoni taghha fir rigward tat-trasferriment. Stqarr li fit 28 ta Frar 2000, il-Kumpanija kienet infurmat l-Union li kienet lesta tiddiskuti l-kaz tieghu izda peress li t-talba kienet waslet tard intalab appuntament iehor. Pero l-ghada fid 29 ta Frar 2000 il-Kumpanija tterminatlu l-impjieg tieghu. Ir-ragunijiet li gabet il-Kumpanija kien li assenta ruhu mill-post tax-xoghol f`dati specific meta hu kien qed josserva direttiva tal-Union u f`zewgt okkazjonijiet kien fuq leave u Union Leave u dan sar wara li l-Union kienet infurmat lill-Kumpanija skond il-ftehim Kollettiv u ghalhekk ma kiser ebda provvediment tal-ftehim Kollettiv. Gie attribwit wkoll li fil 15 ta Frar waqqaf haddiema milli jaghmlu xogholhom meta dan mhux minnu ghax kont ghedtilhom biex isegwu dawk id-direttivi fejn jirrigwarda is-safety taghhom.

L-appellant jiddikjara li l-vera kaguni li tkecca kienet ghax hu kien qed jaqdi dmiru bhala shop steward.
Jitlob ghalhekk li jerga jiehu xogholu lura u jinghata kumpens xieraq.

Minn naha taghha il-Kumpanija pprezentat l-istqarrija taghha billi semmiet episodji tul-numru ta snin. Semmiet li fl-1999, kienet implimentat skema li permezz taghha impjegati li jghazlu li jitliqu mill-impjieg u jinghataw somma ta flus. Dan sar biex il-Kumpanija ssir aktar vjabbli u b`hekk thares l-impjieg ta dawk li jibqghu w wara dan l-ezercizzju l-management ghamel hiltu biex igib xoghol peress li l-pagi tal-haddiema kienu ghola min dawk li jsib f`kumpaniji ohra. Kien sar ftehim biex l-haddiema tal-Kumpanija jkunu jistghu jintbghatu b`self ma kuntratturi.

L-appellant li kien impjegat min Dicembru ta 1986 kien ntbghat jahdem mad-ditta A. Xuereb fl-1990 izda intbghat lura ghax irrifjuta li jahdem. Ftit jiem wara intbghat jahdem ma ditta ohra izda intbghat lura ghax il-produzzjoni kienet anqas minn normal mistenni. Kien mibghut ma ditta ohra izda nstab li ma kienx adattat ghax-xoghol.

Fl-10 ta Jannar ta 1995 kellu kwistjoni fl-istores. Fl-31 ta Lulju 1995 ghajjar w insolenta lill-Personnel Manager u kien sospiz mis 7 ta` Awissu 1995 sa 24 ta Lulju ta 1997. Dwar l-imgieba tieghu kien instab hati mill-Qorti.

Inqalghu incidenti ohra wara s-sospensjoni meta NOVITA

Construction kellha t-tmexxija tal-Kumpanija. Sar ftehim li l-appellant johrog on paid leave ghaz-zmien kollu li Novita kellha t-tmexxija tal-Kumpanija.
Seta biss jattendi fuq Union Business u ried ikun akkumpanjat mis-segretarju tat-taqsima tal G.W.U.

Dan juri l-attitudni ta l-appellant lejn ix-xoghol u l-Kumpanija kif ukoll l-arroganza tieghu fuq il-post tax-xoghol. Minn Jannar 200 l-appellant beda jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr ma jitlob l-awtorizazzjoni kif stipulat mill-ftehim kollettiv. Il-manager amministrattiv kien kiteb lis-segretarju tat-taqsima tal-G.W.U. fejn insista li kull talba ta l-appellant biex ihalli postu ghandha ssir bil-miktub.

Is-sitwazzjoni ma tbidttlitx u l-Kumpanija kienet tircievi nota wara li jkun telaq minn fuq il-post tax-xoghol.
Fit 8 ta Frar 2000 ic-Chairman tal-Kumpamija kiteb lill-Union fejn infurmatu li l-ewwel jintalab il-permess u wara tohrog l-approvazzjoni. Fin-nuqqas ta dan l-appellant jigi meqjus bhala li telaq mill-post tax-xoghol minghajr permess. Gew elenkati numru ta kazi li baqghu jigru fi Frar 2000. L-esigenzi tal-Kumpanija innecessitaw li l-haddiema jintbghatu min post ghall-iehor.
Meta l-management iddecieda li jibghat l-appellant gewwa Halk-Luqa huwa m`accettax. Wara l-Union tat direttiva biex ma jmurx fejn tibghatu l-Kumpanija u dan sar bi ksur tal-ftehim kollettiv.

Fl-14 ta Frar 2000 il-Kumpanija kitbet lill-Union fejn infurmatu li jekk l-appellant ma jirrapurtax ghax-xoghol fejn indikat jitqies bhala assenti.

Ghal granet ta wara sat 28 ta Frar baqa m`attendix u l-impjieg gie terminat fid-29 ta Frar 2000.

Gew ipprezentati numru ta dokumenti, korrispondenza w numru ta xhieda miz-zewgt nahat.

Il-kaz li ghandu quddiemu it-Tribunal huwa wiehed fejn l-appellant apparti li kien haddiem mal-Kumpanija Kalaxlokk Co. Ltd, kien ukoll shop steward. Wiehed irid janalizza bir-reqqa iz-zewg funzjonijiet. L-istatements of case taz-zewg partijiet kienu dettaljati hafna w mix-xhieda gew amplifikati b`aktar dettal.

Wiehed irid iqis wkoll il-rwojl tal-management u dak ta shop steward. F`dan ir-rigward il-collective agreement jaghti linji cari w delinejati kif ir-relazzjonijiet industrijali fil-Kumpanija Kalaxlokk ghandhom jigu mhaddna.

It-tezi tal-Kumpanija f`dan il-kaz hu li mxiet skond it-termini tal-collective agreement u min-naha ta l-appellant it-tezi kienet li mexa skond direttivi tal-Union.

Il-pozizzjoni taz-zewg nahat ghaldaqstant kienet wahda mbieghda.

Il-Kumpanija affermat li dak li ghamlet ma l-appellant kien korrett u tqis li decizzjoni ta fejn wiehed ghandu jirraporta ghax-xoghol hija strettament decizjoni manigerjali. Min- naha ta l-appellant inhass li t-trasferment tieghu saret apposta biex ixxekkel l-operat tieghu bhala shop steward.

Mix-xhieda tal-Kumpanija hareg ukoll l-atteggjament ta l-appellant min mindu beda l-impjieg tieghu u ssemmew kazi ta dixxiplina, insubordinazzjoni u nuqqas ta rispett lejn il-management tal-Kumpanija.

F`dan l-istadju t-Tribunal Industrijali irid iqis il-ftehim kollettiv. Huwa minnu li kazijiet li graw 18 il-xhar qabel l-ahhar kaz m`ghadhomx jigu wzati fid-decizjonijiet tal-management. L-iskop hu li min zbalja fil-passat m`ghandux jigu penalizzat.

X` inhu ir-rwojl tal-Union fuq il-post tax-xoghol u kif il-hidma taghha tista tigi ezawrita. Fil-fatt fejn jirrigwarda dan hemm specifikat f`para 111 paragraph 18 fejn jghid "l-ebda hidma tal-Union m`ghandha ssir waqt il-hin tax-xoghol u fuq il-propjeta tal-Kumpanija minghajr il-permess minn qabel tal-Management. Dan il-permess irid jinghata bil-miktub". Din il-klawsola tindika l-mod kif ix-xoghol tal-Union ghandu jigi regolat.

Klawsola ohra ikkomplimentata tirrigwarda l-procedura dwar tilwim "L-iskop tal-Kumpanija u l-Union hu lit kun tezisti procedura biex jitnaqqas it- tilwim, li jista jirrizulta

meta jigi applikat jew interpretat dan il-ftehim. Jekk tinqala xi tilwima bejn il-Kumpanija u l-haddiema u/jew l-

Union fuq l-interpretazzjoni u/jew it-thaddin tal-provvedimenti ta dan il-ftehim, isir sforz kmieni biex it-tilwim jigi rrangat skond il-procedura kif imfisser f`dan il-kapitlu.

Jekk minkejja ir-rieda tajba, il-Kumpanija u l-Union ma jirnexxilhomx isolvu l-problema qed jigi miftiehem li l-kaz u/jew tilwim tigi riferruta lill-konciljatur.

Jekk anqas f`livell ta konciljazzjoni ma jsir ftehim, iz-zewg nahat ikunu liberili jiehdu kull azzjoni li jidrilhom li ghandom jiehdu, b`dan pero l-Union taghti preavviz bil-miktub ta gurnata xoghol dwar kull-azzjoni industrijali.

Il-Kumpanija w L-Union jifhmu li biex il-Kumpanija u l-haddiema jimxu l-quddiem iridu jinzammu relazzjonijiet tajba u paci industrijali. Ghalhekk, filwaqt li jgharfu bis-shih ir-responsabilitajiet taghhom, il-Kumpanija u l-Union jaqblu li meta tinqala differenza ta opinjoni rigward interpretazzjoni ta kwalunkwe haga, li tista tinqala u li ghaliha m`hemm ebda referenza f`dan il-ftehim, huma jifthu diskussjonijiet bl-ghan li jippruvaw isibu soluzzjoni li tissodisfa liz-zewg nahat u li qabel ma jintemmu dawn id-diskussjonijiet u jkunu gew ippruvati l-mezzi kollha possibli izda minghajr rizultat, ebda azzjoni arbirtrarja li tista ggib waqfien mix-xoghol m`ghandha tittiehed la mill-Kumpanija u lanqas mill-Union. In partikolari il-Kumpanija u L-Union jaqblu li ma jittiehdu l-ebda passi qabel ma jkun

konkluzarbitragg mmexxi mid-Direttur tax-xoghol jew rapprezentat tieghu.

**AZZJONI NDUSTRIJALI MHUX UFFICJALI**

IL-kumpanija u l-Union qed jaqblu li azzjonijiet industrijali mhux ufficjali huma ta hsara ghaz-zewgt nahat, u ghaldaqstant m`ghandhom jinghataw ebda appogg.
Kull haddiem tal-Kumpanija li jorganizza jew li jiehu sehem f`azzjoni ndustrijali mhux ufficjali jkun soggett ghal tkeccija minn l-impjieg. It-tkeccija jew piena ohra skond il-kaz issehh wara li l-kaz jingieg quddiem il-Bord tad-dixxiplina skond kif jipprovdi l-Kodici ta Dixxiplina.

Ghal finijiet ta' dan il-Ftehim Kollettiv azzjoni ndustrijali mhux ufficjali hi kwalunkwe azzjoni ndustrijali li li-Union rikonoxxuta ma tkunx tat avviz skond il-provvedimenti ta dan il-Ftehim".

Fil-Kodici ta dixxiplina f`pagna 20 A jitratta ghal kazijiet ta haddiem li jigi pprovat li jasal tard ghax-xoghol.

F`para 20B jitratta f`kaz li haddiem li jinstab hati li assenta ruhu mill-post tax-xoghol minghajr raguni valida. Kif hawn taht:-

- "L-ewwel darba :twissija bil-miktub u jonqata d-doppju tal-hin assenti u/jew mhux aktar minn gurnata sospensjoni.

- It-tieni darba : twissija bil-miktub u jinqata d-doppju tal-hin assenti u jista jigi sospiz sa hamest ijiem tax-xoghol.
- It-tielet darba : twissija bil-miktub u jinqata d-doppju tal-hin assenti u jista jigi sospiz sa ghaxar t-ijiem tax-xoghol.
- Ir-raba darba : jinqata d-doppju tal-hin assenti u jista jigi mkecci.
- Minkejja dak ipprovdut f`dawn ir-regolamenti min jassenti ruhu ghal aktar minn ghaxart ijiem tax-xoghol

f`perjodu ta tnax il-xahar jitqies li abbanduna l-post tax-xoghol u ma jibqalux dritt li jkompli jahdem mal-Kumpanija, u dan minghajr ma jkun hemm htiega li jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

Dan japplika ghal dawk il-kazijiet fejn haddiem ma jidholx ghax-xoghol jew jitlaq minn fuq ix-xoghol bla permess.

Huwa naturali li f`kull azjenda biex timxi l-quddiem irid ikun hemm relazzjonijiet industrijali tajba ghal gid tal-haddiema u tal- Kumpanija. Allura kemm il-management u l-Union huma l-imsiehba ghal tkattir tal-Kumpanija u s-salvagwardja tal-impjiegi.

L-appellant, kif hareg mix-xhieda w dokumentazzjoni mhux dejjem kien jitlob il-permess biex jassenti ruhu fuq xoghol tal-Union u biex imur fuq il-lantijiet tax-xoghol fejn ikun hemm bzonn. Dan gie konfermat u drabi kienet kienet il-Union li tapplika ghal permess wara.

L-argument tal-Kumpanija li wassal ghat-tkeccija kien li l-appellant assenta ruhu ghal aktar minn ghaxar t-ijiem bla permess skond il-procedura ta dixxiplina para 20B(U). Fil-fatt ma jkunx hemm il-bzonn ta Dixxiplina kif gie mistqarr waqt is-smiegh tal-Kaz.

L-appellant jsostni li t-transfer sar bhala vedikazzzjoni kontrih u talab l-ghajnuna tal-Union u l-istess Union qaltlu biex ma jmurx fuq il-post tax-xoghol fejn kien gie mitlub imur mill-Kumpanija.

Hawnhekk it-Tribunal Industrijali jirrimarka li l-proceduri tal-ftehim Kollettiv ma gewx segwiti min naha tal-Union. Gie stabbilit mix-xhieda w dokumentazzjoni li c-Chairman tal-Kumpanija kiteb u kellem lis-segretarju tal G.W.U dwar il-konsegwensi jekk l-appellant ma jmurx fejn kien mitlub li jmur.

Fil-konkluzjoni ta dan il-kaz it-Tribunal ihoss li l-appellant ma kellux dritt li jirrifjuta li jmur fuq il-post xoghol. Kien hemm triqat ohra biex wiehed juri id-dissens skond il-provvedimenti tal-ftehim Kollettiv.

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-tkeccija ta l-appellant mill-impjieg ma Kalaxlokk Co. Ltd sar skond il-ligi.

Ghal finijiet ta L-Avviz Legali tal-1986 jistabbilixxu d-drittijiet ta min assista fl-ammont ta erbghin Lira Maltin (Lm40).

B`hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

C. Tabone

Chairman

Maryrose Galea

A/ Segretarju